

Stqarrija għall-Istampa tal-FRA
Vjenna/Brussell, 10 ta' Diċembru 2018

Anti-Semitiżmu persistenti madwar l-UE

Diskors ta' mibegħda anti-Semitiku, fastidju u biża' li wieħed jintgħaraf li huwa Lhudi; dawn huma wħud mir-realtàjiet li tkun Lhudi fl-UE illum. Stħarriġ ripetut maġġuri tal-Lhud mill-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali, l-akbar wieħed tat-tip tiegħu fid-dinja, sab li s-sitwazzjoni qiegħda tigrava.

"Deċennji wara l-Olokaust, livelli xokkanti u għoljin ta' anti-Semitiżmu għandhom itebgħu lill-UE," qal id-Direttur tal-FRA [Michael O'Flaherty](#). "L-Istati Membri għandhom jieħdu nota u jtejbju l-isforzi tagħhom biex jipprevjenu u jiġġieldu l-anti-Semitiżmu. Persuni Lhud għandhom id-dritt li jgħixu b'mod liberu, mingħajr mibegħda u mingħajr ma jibzġu li s-sigurtà tagħhom tkun fil-periklu."

Ir-rapport tal-FRA "[Experiences and perceptions of antisemitism - Second survey on discrimination and hate crime against Jews in the EU](#)" ("Esperjenzi u perċezzjonijiet tal-anti-Semitiżmu - It-tieni stħarriġ dwar id-diskriminazzjoni u r-reati ta' mibegħda kontra l-Lhud fl-UE") jiddeskrivi s-sejbiet tal-istħarriġ.

Dawn jindikaw livelli li qegħdin jiżdiedu ta' anti-Semitiżmu. Madwar 90 % tar-rispondenti jħossu li l-anti-Semitiżmu qiegħed jikber f'pajjiżhom. Madwar 90 % iħossu wkoll li dan huwa partikolarment problematiku online, filwaqt li 70 % jirreferu għall-ispazji pubbliċi, il-midja u l-politika bħala sorsi komuni ta' anti-Semitiżmu.

Kważi 30 % ġarrbu fastidju, b'dawk li kienu l-aktar affettwati kienu viżibbilment jidhru li huma Lhud.

L-anti-Semitiżmu jidher li tant huwa profund fis-soċjetà li fastidju regolari sar parti mill-ħajja ta' kuljum normali tagħhom. Kważi 80 % ma jirrapportawx inċidenti serji lill-pulizija jew lil xi korp ieħor. Spiss dan iseħħ minħabba li jħossu li xejn mhu ser jinbidel.

Aktar minn terz jevitaw milli jieħdu sehem f'avvenimenti Lhud jew milli jżuru siti Lhud minħabba li jibzġu għas-sigurtà tagħhom u ma jħossuhomx siguri. L-istess proporzjon saħansitra kkunsidraw ukoll li jemigraw.

Riżultati bħal dawn jenfasizzaw il-ħtieġa li l-Istati Membri jieħdu azzjoni urġenti u immedjata. Meta jagħmlu dan, jeħtieġ li jaħdmu mill-qrib flimkien ma' firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati, partikolarment komunitajiet Lhud u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, sabiex jintroduċu miżuri aktar effettivi għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-anti-Semitiżmu.

Dan jinkludi t-tiġħ tal-edukazzjoni dwar l-Olokaust u attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni, li l-komunitajiet u s-siti Lhud jinżammu sikuri, u monitoraġġ regolarment ta' reati ta' mibegħda kontra l-Lhud. Stħarriġ regolari tal-vittimizzazzjoni jgħin biex jivvaluta l-effettività tal-liġijiet u tal-politiki.

Barra minn hekk, l-Istati Membri kollha għandhom jittrasponu b'mod sħiħ u korrett il-liġijiet tal-UE sabiex jiproteġu lill-vittmi u jiġġieldu kontra r-razziżmu fil-liġi nazzjonali tagħhom. Dan jgħin biex jiżgura li l-vittmi jieħdu l-appoġġ li ħaqqhom u l-awturi jingħataw sentenza b'pieni kriminali effettivi, proporzjonati u dissważivi. Dan, mill-banda l-oħra, iħeġġeġ lill-vittmi u lix-xhieda jtkellmu u jirrapportaw l-inċidenti.

Ir-riżultati jkopru 12-il Stat Membru fejn jgħixu aktar minn 96 % tal-popolazzjoni Lhudija stmata tal-UE. Aktar minn 16,000 Lhudi li għandhom 16-il sena jew aktar ħadu sehem fl-istħarriġ online minn Mejju sa Ġunju 2018. Dan jibni fuq [ir-riżultati u l-opinjoni tal-ewwel stħarriġ ippubblikati fl-2013](#).

Biex issir taf aktar jekk jogħġbok ikkonsulta s-[sejbiet](#) u l-[mistoqsijiet u tweġibiet](#) [dwar il-metodoloġija](#) jew ikkuntattja lil: media@fra.europa.eu / Tel.: +43 1 580 30 642

Nota lill-edituri: Dan ir-rapport jiġi wara li s-[CNN](#) ippubblika l-[istħarriġ tiegħu stess](#) li jenfasizza li "l-isterjotipi anti-Semitiċi għadhom jeżistu fl-Ewropa, filwaqt li l-memorja tal-Olokawst qiegħda tibda titlaq bil-mod il-mod".